MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 530/2010

**Fogg Insurance Agency Ltd et**
**Vs**
**Transport Malta et**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 t'April, 2010 fejn is-socjeta' attrici qalet illi nhar l-24 ta' Marzu, 2009 sehh incident gewwa Triq Hadd in-Nies, Zabbar ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija illi bhala konsegwenza tieghu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ELV-115 proprjeta ta' l-attur Carmel Camilleri soffriet hsarat. Dan l-incident sehh bhala rizultat ta' xoghol traskurat, u/jew mhux skond is-sengha u l-arti, u/jew minhabba nuqqas ta' senjaletika in konnessjoni ma' l-istess xoghol illi sar fl-imsemmija triq minn jew fuq l-inkarigu tal-konvenut jew minn minnhom;

Illi b'hekk isegwi illi l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni , imperizja jew

non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut jew min minnhom;

Illi ghalhekk il-konvenuti b'mod in solidum jew minn minnhom, ghandhom jigu kkundannati sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sebghin ewro u disgha u tletin centezmu, (€1,372.39), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) l-*excess payment* illi l-attur Carmel Camilleri hallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u sbatax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€1,317.39) rapprezentanti d-danni kollha sofferti illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Ltd abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive*.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar, 2010, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar, 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti b'mod in solidum bejniethom jew min minnhom.

Illi b'risposta pprezentata fit-28 ta' Mejju, 2010 Transport Malta gia l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta u Roads Infrastructure Directorate gia Direttorat dwar l-Infrastruttura u n-Network eccepiet illi in linea preliminari l-intimati mhumiex il-legittimi kontradittturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju,

Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta ghandha r-rapprezentanza gudizzjarja tar-Roads and Infrastructure Directorate u ghalhekk dina l-kawza ma kellhiex ghalfejn tigi istitwita kontra l-istess Direttorat ukoll.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kontra l-intimati qed jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.
Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni allegati u pretizi qed jigu kkontestati.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Illi fis-seduta tad-29 ta’ Settembru, 2010 Dr Gatt ghall-intimati rrinunzja ghat-tieni eccezzjoni u ddikjara li mhux qed jinsisti fuqha purche ma jkunx hemm spejjez doppji.

Illi gie mitlub ukoll illi tigi kjamata fil-kawza is-socjeta’ Road Maintenance Services Ltd liema talba giet milqugha. B’risposta pprezentata fl-10 ta’ Dicembru, 2010 Road Maintenance Services Ltd eccepiet illi l-allegazzjoni u l-pretenzjonijiet imressqa mill-atturi qed jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretizi huma kkontestati. Bl-ispejjez.

Xehed il-Perit Gordon Zammit in rapprezentanza ta’ Transport Malta li spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta’ Perit ma’ Transport Malta. Huwa qal illi fis-sena 2009 il-kumpanja Transport Malta kienet tiffunzjona taht l-isem Awtorita dwar Tranport. Huwa kkonferma illi fl-24 ta’ Marzu, 2009 fi Triq Hadd in-Nies kienu qed isiru xi xogholijiet u l-kuntrattur li kien qed jiehu hsieb kien Road Maintenance Services, li huwa kuntrattur privat u inghata *tender* biex jaghmel dawn ix-xoghlijiet.

Fix-xhieda tieghu tas-16 ta’ Gunju, 2013 dan ix-xhud spjega kif dan ix-xoghol partikolari hareg minn Transport Malta li nkarigat lill-Kuntrattur Road Maintenance Services Ltd biex jaghmel ix-xogholijiet. Inhareg il-kopja tal-permess biex jahdmu fit-triq. Il-kuntrattur ikollu l-inkarigu li jaghmel tabelli skond kif rikjest mit-Traffic Management Unit ta’ Transport Malta u wara li jitwahhlu dawn it-tabelli mill-kuntrattur jinhareg il-permess. Transport Malta imbaghad taghmel spezzjonijiet waqt ix-xogholijiet biex tara jekk hemmx xi nuqqasijiet u tinforma bihom lill-kuntrattur li jkollu l-obbligu jirrimedja fi zmien 24 siegha. Il-kuntrattur huwa obbliga jzomm ma’ *traffic management plan* u *safety measures on site*.

Dan ix-xhud qal illi ma jirrizultax illi t-tabelli ma kinux skond it-*traffic managment plan*. Filfatt it-triq tkun maghluq u miftuha biss ghar-residenti.

Xehed l-attur Carmel Camilleri li spjega illi fl-24 ta' Marzu, 2009 kien ghaddej mid-direzzjoni tar-Razzett tal-Hbiberija u kien hemm il-Main Road li kienu qed isiru xi xogholijiet fiha. Ghalhekk kien  hemm diversion ghal Triq Hadd in-Nies. Kif appena dahal fit-triq hass xi haga taht il-karrozza u l-karrozza waqfitlu. Sab illi f'din it-triq kienu qed isiru xi xogholijiet ukoll. Wara li ggakja l-karrozza sab illi tappiera kienet cartitlu t-tank taz-zejt. Hu qal illi d-dawl li kien hemm kien baxx u ma kien hemm xejn x'juri li f'din it-triq kienu qed isiru xi xogholijiet.

L-attur Carmel Camilleri mar jaghmel rapport l-ghassa kif informa lil Kunsill Lokali li min-naha taghhom qalulu li dawn ix-xogholijiet kien responsabilta tal-Gvern. Filfatt meta xehdet WPC 262 kkonfermat kemm li sar ir-rapport kif ukoll ikkonfermat illi fit-Triq Hadd in-Nies kienu qed isiru xogholijiet.

Xehed ukoll Simon Paris permezz ta'affidavit li qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Claims Manager* mas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited. Spjega illi Carmel Camilleri kien assikurat *comprehensive* u wara li nfetah il-*claim* Carmel Camilleri hallas l-*excess* ta' hamsa u hamsin ewro (€55) filwaqt illi wara li sar *survey* fuq il-hsarat id-danni sofferti ammontaw ghal elf tlett mija u tnejn u sebghin ewro u disgha u tletin centezmu (€1,372.39). Dan ix-xhud ipprezenta dokumenti dwar l-ispejjez li spjega.

Xehed Joseph Desira  in rapprezentanza tal-kjamat in kawza Road Maintenance Services li kkonferma li fl-24 ta' Marzu, 2009 kienu qed isiru xogholijiet fi Triq Hadd in-Nies Zabbar. Spjega illi din it-triq kellha tinqala mill-bidu nett. Qal illi t-triq tkun tidher illi qed tinqala u minbarra hekk ikun hemm tabelli wahda fuq l-ohra. Semma wkoll illi li kieku ma kienx hemm dawn it-tabelli allura l-permess ma jinharigx. Pero t-Tribunal huwa tal-fehma illi dan ma jfissirx illi t-tabelli li kienu hemm f'Ottubru 2008 baqghu hemm sa Marzu 2009. Dan ix-xhud ftakar ukoll illi kienu jsriru *inspections* kuljum jew darba iva u darba le imma ftakarx f'Marzu 2009 f'liema stadju kien ix-xoghol. Lanqas kien f'posizzjoni mir-*records* jghidilna meta nbdew ix-xogholijiet.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda prodotti u ra d-dokumenti pprezenti huwa tal-fehma illi meta kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet kien hemm hafna nuqqasijiet kemm minn Transport Malta kif ukoll mill-kuntrattur Road Maintenanc Services. Jidher illi l-*inspections* min-naha tat-Transport Malta ma sarux u ghalhekk ma kienx hemm *checks* fuq il-kuntrattur. Inutli l-Awtorita tghid illi kieku ma kellux kollox *in order* ma kienx jinhareg il-permess. Dan tenut kont tal-fatt illi l-permess inhareg f'Ottubru 2008 mentri l-incident gara f'Marzu 2009 meta l-permess inhareg ghal tlettax il gimgha. Lanqas ma hija spjegazzjoni jew skuza tajba da parti tal-kjamat in kawza li tghid li t-triq tkun tidher li qed tinqala meta l-attur xehed illi hu ghadda bil-lejl u ma kienx hemm dawl bizzejjed. Inkella l-Awtorita tghid illi l-persuna ghadda *'at his own risk'* la t-triq kienet maghluq. Pero l-attur xehed illi t-triq principali kienu qed isiru xogholijiet fuqha (haga li giet ikkonfermata f'xhieda tal-konvenuti) u kien hemm diversion. Hadd mill-konvenuti ma attakka din ix-xhieda jew gab prova li d-diversion qatt ma tefghet lil attur fi Triq Hadd in-Nies.
It-Tribunal ghalhekk jiddecidi illi kemm Transport Malta kif ukoll Road Maintenance Services Ltd huma responsabbli ghad-danni sooferti mill-attur u ghalhekk jaqta' u jiddecidi illi s-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sebghin ewro u disgha u tletin centezmu (€1,372.39) ghandu jithallsu in kwantu ghal sitt mija u sitta u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€686.20) minn Transport Malta mentri s-somma ta' sitt mija sitta u tmenin ewro u dsatax-il centezmu (€686.19) ghandhom jithallsu minn Road Maintenance Services Ltd. Bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u dan flimkien mal-ispejjez tal-kawza.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bejn Tranport Malta u Road Maintenance Services Ltd.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------